*Messaġġ mill-Kappillan*





Dun Karm Mercieca

# Il-Bieraħ, Illum u Għada

Għeżież aħwa Mellieħin,

Il-mixja taż-żmien qatt ma tieqaf, ninsabu kontinwament f'mixja: inħallu warajna 'l-bieraħ, ngħixu llum u nimxu lejn l-għada. U waqt li nħarsu lura, niċċelebraw il-passat u b'qalbna qawwija nħarsu lejn il-futur li jalla jkun isbaħ mill-passat u mill-preżent. It-tama ta' xi ħaġa isbaħ u aħjar iżżommilna qalbna mimlija b'żgħożija dejjem tiġġedded.

Huwa f'dan id-dawl li rridu nħarsu lejn il-festa li qegħdin niċċelebraw hekk kif nagħmlu kull sena. Il-festa hija mument fejn aħna, bħala **Nsara Mellieħin** niċċelebraw l-għeruq tagħna bħala familja waħda Nisranija u Mellieħija. U dan nagħmluh għall-glorja ta' Alla, Missier wieħed tagħna lkoll u taħt il-ħarsien glorjuż tal-verġni Marija. Aħna kburin li aħna Mellieħin u għalhekk niċċelebraw dak kollu li jagħtina l-identità tagħna Mellieħija. Aħna kburin li aħna nsara, ulied il-Patruna tagħna u għalhekk bir-raġun kollu niċċelebraw ad unur **MARIJA BAMBINA**.

Jeħtieġ li niċċelebraw: dan huwa l-mod kif ma nħallux il-mogħdija taż-żmien timmarka, b'mod xejn pjaċevoli, il-ħajja tagħna. Jeħtieġ niċċelebraw biex qatt ma nixjieħu. Jeħtieġ li fil-ħajja, aħna nkunu bħall-baħar, li l-poeta nazzjonali, Dun Karm Psaila, isejjaħlu **iż-żagħżugħ ta' dejjem**. Fil-poeżija tiegħu bl-istess isem, Dun Karm iħares lejn il-baħar u waqt li jsejjaħlu bħala żagħżugħ ta' dejjem jgħidlu: "Fuq wiċċek biss ja baħar, żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija, bl-eluf u bl-għaxart eluf, u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija."

Il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet tagħna jridu jgħinuna biex permezz ta' **MARIJA BAMBINA** nersqu dejjem aktar lejn dak li huwa dejjem żagħżugħ: Ġesù KRISTU, li huwa l-bieraħ, illum u għal dejjem. Hekk, il-festi tagħna jgħinuna nibqgħu dejjem żgħażagħ, mimlija ħeġġa u enerġija.

Il-festi t-tajba lil kulħadd.

Viva Marija Bambina

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Rużarju bħala rigal**

**"Mur u ppriedka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII


MELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

**SELF DRIVE CARS AND TAXI SERVICE**

**SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS**

151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 06, Malta

Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362

E-mail: melliehagarage@onvol.net